KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

| Ref: Seduta 23Ad Hoc_10/11/10 |
|---|

## MINUTI TAT-TLIETA U GĦOXRIN SEDUTA (Ad hoc)

**It-tlieta u għoxrin seduta** Ad Hoc tas-Sitt Kunsill Lokali Tas-Sliema inżammet l-**Erbgħa 10 ta' Novembru 2010** fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Depiro, Sliema.

__Preżenti__:

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Johanna Gonzi** |
| **Viċi Sindku:** | **Cyrus Engerer** |
| **Kunsilliera:** | **Yves Bobby Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Patrick Pace** |
| **Segretarju Ezekuttiv:** | **Svetlana R. Curmi** |
| **Skuzata:** | **Marianne Aquilina** |
| **Assenti:** | **Nicolai Gauci** |

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresiedet.

Is-seduta bdiet fit-5.41 ta' fil-għaxija b'din l-agenda:

**1. Sejha ghall-kwotazzjonijiet**



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

## 1.1. Kwotazzjoni SLC/T/480 – Legal Services

1.1.1 Gew ipprezentati sebgha (7) kwotazzjonijiet ghas-servizzi legali. Il-Kunsill ikkunsidra l-prezz u l-esperjenza ta' kull offerent fejn fost kollox kien innuttat li l-kwotazzjoni ta' Dott. Nadia Vella kienet ukoll tinkludi l-VAT.

***Il-Kunsillier Martin Debono dahal ghas-seduta fis-5.50 ta' filghaxija.***

1.1.3. Il-Kunsillier M. Debono informa lill-Kunsill li l-Kunsillier M. Aquilina ma setghetx taddendi ghal-laqgha minhabba ragunijiet personali.

***Il-Kunsillier Nikki Dimech dahal ghas-seduta fis-5.52 ta' filghaxija.***

1.1.4. Is-Sindku pproponiet illi l-Kunsill japprova l-kwotazzjoni ta' Dott. Marion Camilleri peress li kienet l-irhas offerta. Il-Vici Sindku issekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, E Cuschieri u M Debono vvutaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri, N. Dimech, J. Galea u P. Pace astjenaw. Il-mozzjoni ghaddiet b'hames (5) voti favur u erba' (4) astenzjonijiet.

## Kwotazzjoni SLC/Q/387/2010 – Kiri ta' garaxx

1.1.5. Gew ipprezentati zewg (2) kwotazzjonijiet ghall-kiri ta' garaxx. Il-Kunsill ikkunsidra l-prezz, il-kobor tal-garaxx, it-triq fejn jinsab il-garaxx kif ukoll il-fatt li l-Kunsill kien diga qed juza s-servizza tal-offerent John Mifsud.

1.1.6. Billi z-zewg offerti kienu jaqbzu l-limitu finanzjarju impost mir-Regolamenti ossia dak ta' Eur4,658, il-Kunsillier J. Galea ppropona li l-kwotazzjoni tigi evalwata fuq perjodu ta' tlett snin u tinghata lil John Mifsud ghal valur Eur4510. Issekonda l-Kunsillier M. Debono. Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsilliera Y. Cali, E Cuschieri u P. Pace. Astjenew il-Kunsilliera N. Dimech u S. Camilleri. Il-mozzjoni ghaddiet b'seba' (7) voti favur u zewg (2) astenzjonijiet.

**Kwotazzjoni SLC/Q/548/2010/5 – PL Lamps (Plug in-light bulb compact fluorescent lamps)**

1.1.7. Gew ipprezentati seba (7) kwotazzjonijiet ghal PL Lamps. Il-Kunsill ikkunsidra l-prezz, il-*lifespan* tal-bozoz kif ukoll jekk l-offerent ghandux stock tal-bozoz mitluba.

1.18. Is-Sindku pproponiet lill-G. Vella and Sons Ltd minhabba li l-bozoz ghandhom *lifespan* itwal u huma l-irhas meta mqabbla mal-offerti l-ohra. Il-Kunsillier Y. Cali ssekonda. Il-Kunsill qabel li l-offerent ghandu jaghti garanzija ta' sentejn.

***Il-Kunsillier Nikki Dimech hareg mis-seduta fis-6.22 ta' filghaxija.***

1.19. Il-vot kien ta' sebgha (7) favur u astensjoni wahda (1). Il-voti favur kienu tas-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsilliera Y. Cali, E Cuschieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace. Astjenit il-Kunsillier S. Camilleri.

**Kwotazzjoni SLC/Q/548/2010/6 – Instant road repair material**

1.20. Gew ipprezentati zewg (2) kwotazzjonijiet ghax-xiri ta' instant road repair material. Il-Kunsill ikkunsidra l-prezz ta' kull offerta.

1.21. Is-Sindku pproponiet li l-kwotazzjoni tigi aggudikata favur Bitmac Ltd. minhabba li kien l-irhas offerent. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Kwotazzjoni SLC/Q/548/2010**

1.22. Gew ipprezentati hames (5) kwotazzjonijiet.

1.23. Wara li l-Kunsill ikkunsidra c-cirkulari tad-Dipartiment tal-Kuntratti bin-numru 12/2010 evalwa l-kwotazzjonijiet ghal tipi ta' zebgha u materjal relatat.

1.24. Is-Sindku pproponiet li l-white spirit jinxtara minghand Brincat's Industrial Finishes. Il-Kunsillier S. Camilleri ssekondat. Il-vot kien ta' sitta (6) favur u zewg (2) astensjonijiet. Il-voti favur kienu tas-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E Cuschieri u J. Galea. Il-Kunsilliera M. Debono u P. Pace.

1.25. Il-Kunsillier Y. Cali qal li l-maggoranza tal-materjal ta' Brincat's Industrial Finishes huma l-irhas ghalhekk ippropona li z-zebgha u materjal relatat jinxtara minghand Brincat's Industrial Finishes. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-vot kien ta' sitta (6) favur u zewg (2) astensjonijiet. Il-voti favur kienu tas-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E Cuschieri u J. Galea. Il-Kunsilliera M. Debono u P. Pace.

**Kwotazzjoni SLC/Q/548/2010/4 – red tennis court paint, white road marking, yellow road marking, black road marking, thinner**

1.26. Gewipprezentati tmien (8) kwotazzjonijiet.

1.27 Il-Kunsill ikkunsidra l-prezz taz-zebgha. Il-Kunsillier M. Debono ppropona li tinxtara kwantita' zghira minghand Brincat's Industrial Finishes u li l-Kunsill jinghata l-ispecifications taz-zebgha kif ukoll li jkunu kkonfermati mat-Transport Malta. Il-Kunsillier Y. Cali ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri hareg mis-seduta fis-7.05 ta' filghaxija.***

1.28. Is-Sindku pproponiet li ghanda tinxtara zebgha bizzejjed biex jitlesta x-xoghol pendenti. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu

**Kwotazzjoni SLC/Q/548/2010/3 – Yacht varnish, red woodstain**

1.29. Gewipprezentati hames (5) kwotazzjonijiet.

1.30. Il-Kunsill ikkunsidra l-prezz tal-yacht varnish. Is-Sindku pproponiet li tinxtara kwantita' zghira minghand Home and Industries Supplier fuq zmien ta' prova. Il-Kunsillier Y. Cali ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.31. Il-Kunsill ikkunsidra l-prezz tar-red woodstain. Is-Sindku pproponiet li tinxtara kwantita' zghira minghand MacMed fuq zmien ta' prova. Il-Kunsillier Y. Cali ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Kwotazzjoni SLC/Q/548/2010/1 – Swimming Pool Paint, Xylene thinner**

1.32. Gew ipprezentati tlett (3) kwotazzjonijiet.

1.33. Gie innutat li ma kienx hemm offerenti ghal swimming pool paint.

1.34. Il-Kunsill ikkunsidra l-prezz tal-xylene thinner. Is-Sindku pproponiet li jinxtara t-thinner f'ammonti zghar minghand il-MacMed ghaliex huwa l-irhas. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Kwotazzjoni SLC/Q/548/2010/2 – Zebgha tar-ramel**

1.35. Gew ipprezentati sitt (6) kwotazzjonijiet.

1.36. Il-Kunsill ikkunsidra l-prezz taz-zebgha tr-ramel. Is-Sindku pproponiet li tinxtara z-zebgha tar-ramel minghand il-Home and Industry Supplier Ltd. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Hrug ta' kwotazzjonijiet**

1.37. B'referenza ghall-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema ghall-attivita tal-Milied, is-Sindku pproponiet li l-Kunsill johrog il-kwotazzjonijiet mehtiega fil-Gazzetta tal-Gvern ta' din il-gimgha ghal perjodu ta' gimghatejn. Issekonda l-Kunsillier J. Galea. Il-mozzjoni ghaddiet b'sitt (6) voti favur u vot (1) kontra. Il-voti favur kienu tas-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsilliera Y. Cali, M. Debono, J. Galea u P. Pace. Il-Kunsillier S. Camilleri vvutat kontra.

Is-seduta ntemmet fit-7.40 ta' filghaxija.

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Ezekuttiv**